

FTEHIM INTERNAZZJONALI**bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Montenegro, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Montenegro fil-programm tal-Unjoni Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni**

Il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Kummissjoni"), f'isem l-Unjoni Ewropea,

minn naħa waħda,

u

l-Gvern tal-Montenegro (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Montenegro"),

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Partijiet",

BILLI l-Protokoll 8 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Montenegro fi programmi Komunitarji ⁽¹⁾ jistabbilixxi li t-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi rigward il-parteċipazzjoni tal-Montenegro f'kull programm partikolari, b'mod partikolari l-kontribuzzjoni finanzjarja pagabbli, se jiġu ddeterminati bi ftehim, fil-forma ta' Memorandum ta' Qbil ⁽²⁾ bejn il-Kummissjoni, li taġixxi f'isem il-Komunità u l-Montenegro;

BILLI l-programm tal-Unjoni Ewropea Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ġie stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm Orizzont Ewropa");

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-isforzi tal-Unjoni Ewropea sabiex tmexxi r-rispons billi tgħaqqad il-forzi mas-sħab internazzjonali tagħha sabiex tindirizza l-isfidi globali f'konformità mal-pjan ta' azzjoni għan-nies, għall-pjaneta u għall-prosperità fl-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti "Nittrasformaw id-Dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli", u billi tirrikonoxxi li r-Riċerka u l-Innovazzjoni huma għodod ewlenin u essenzjali għat-tkabbir sostenibbli mmexxi mill-innovazzjoni, għall-kompetittività ekonomika u għall-attraenza;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-prinċipji ġenerali kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/695;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-objettivi taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni, jitrawmu u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-universitajiet u l-iskambju tal-aħjar prattiki u karrieri attraenti fir-riċerka, jiffaċilitaw il-mobbiltà transfrontiera u transsettorjali tar-riċerkaturi, jitrawmu l-moviment liberu tal-għarfien xjentifiku u l-innovazzjoni, jiġu promossi r-rispett tal-libertà akkademika u l-libertà tar-riċerka xjentifika, jiġu appoġġati l-edukazzjoni xjentifika u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni, u jiġu mħeġġa l-kompetittività u l-attraenza tal-ekonomiji parteċipanti, u li l-pajjiżi assoċjati jkunu sħab ewlenin f'dan l-isforz;

FILWAQT LI JENFASSIZZAW ir-rwol tas-Sħubijiet Ewropej li jindirizzaw uħud mill-aktar sfidi urġenti tal-Ewropa permezz ta' inizjattivi miftiehma ta' riċerka u innovazzjoni li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għal dawk il-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-Riċerka u l-Innovazzjoni li jeħtieġu viżjoni kritika tal-massa u fit-tul u l-importanza tal-involvement ta' pajjiżi assoċjati f'dawk is-Sħubijiet;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li r-riċerka u l-innovazzjoni kienu strumentali fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent għall-kooperazzjoni u l-finanzjament tal-proġetti konġunti tar-riċerka u tal-innovazzjoni li jippermettu l-aċċess reċiproku għall-eċċellenza, għall-għarfien, għall-innovazzjoni, għan-network u għar-riżorsi tar-riċerka. Dawn ipprovdew opportunitajiet ta' valur għall-iżvilupp tal-bniedem, filwaqt li jimplifikaw il-possibbiltajiet ta' suċċess fis-sejba ta' soluzzjonijiet konġunti għall-isfidi reġjonali u globali;

⁽¹⁾ ĠU L 108, 29.4.2010, p. 1.

⁽²⁾ Dan il-Ftehim jikkostitwixxi u għandu l-istess effetti legali tal-Memorandum ta' Qbil imsemmi skont il-Protokoll 8 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Montenegro fil-programmi tal-Unjoni.

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1.

FILWAQT LI JFITTXU li jistabilixxu kundizzjonijiet ta' vantaġġ reċiproku sabiex joħlqu impjegi deċenti, isaħħu u jappoġġaw l-ekosistemi tal-innovazzjoni tal-Partijiet billi jgħinu lill-intrapriżi jinnovaw u jespandu fis-swieq tal-Partijiet u jiffaċilitaw l-adozzjoni kif ukoll l-użu u l-aċċessibbiltà tal-innovazzjoni, inklużi l-attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li l-parteċipazzjoni reċiproka fil-programmi ta' riċerka u innovazzjoni ta' xulxin jenħtieġ li tipprovdi benefiċċji reċiproċi; filwaqt li jirrikonoxxu li l-Partijiet jirriżervaw id-dritt tagħhom li jllimitaw jew li jikkundizzjonaw il-parteċipazzjoni fil-programmi ta' riċerka u innovazzjoni tagħhom inkluż b'mod partikolari għal azzjonijiet relatati mal-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà tagħhom;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li l-għanijiet, il-valuri u r-rabtiet b'saħħithom komuni tal-Partijiet fil-qasam tar-Riċerka u l-Innovazzjoni, stabbiliti fil-pasat permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għall-Programmi Qafas sussegwenti, u filwaqt li jirrikonoxxu x-xewqa komuni tal-Partijiet li jiżviluppaw, li jsaħħu, li jstimulaw u li jestendu aktar ir-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni tagħhom fih,

QABLU FUQ DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni tal-assoċjazzjoni

1. Il-Montenegro għandu jipparteċipa bħala pajjiż assoċjat fil-Programm Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (il-Programm Orizzont Ewropa) u jikkontribwixxi għall-partijiet kollha tiegħu msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2021/695 u implimentat permezz tal-programm speċifiku stabbilit bid-Deċiżjoni (UE) 2021/764 ⁽⁴⁾, fl-aktar verżjonijiet aġġornati tagħhom, u permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja lill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija.
2. Ir-Regolament (UE) 2021/819 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾, u d-Deċiżjoni (UE) 2021/820 ⁽⁶⁾, fl-aktar verżjonijiet aġġornati tagħhom, għandhom japplikaw għall-parteċipazzjoni tal-entitajiet ġuridiċi tal-Montenegro fil-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni.

Artikolu 2

Termini u kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-Programm Orizzont Ewropa

1. Il-Montenegro għandu jipparteċipa fil-Programm Orizzont Ewropa fkonformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Protokoll 8 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Montenegro fi programmi Komunitarji, u skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim, fl-atti legali msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim, kif ukoll fi kwalunkwe regola oħra li għandha x'taqsam mal-implimentazzjoni tal-Programm Orizzont Ewropa, fl-aktar verżjonijiet aġġornati tagħhom.
2. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, inkluż fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 22(5) tar-Regolament (UE) 2021/695, l-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fil-Montenegro jistgħu jipparteċipaw f'azzjonijiet indiretti tal-Programm Orizzont Ewropa skont kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni Ewropea, inkluż ir-rispett għall-miżuri restrittivi tal-Unjoni Ewropea ⁽⁷⁾.
3. Qabel ma jiġi deċiż dwar jekk l-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fil-Montenegro humiex eliġibbli sabiex jipparteċipaw f'azzjoni relatata mal-assi strateġiċi, l-interessi, is-sigurtà jew l-awtonomija tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 22(5) tar-Regolament (UE) 2021/695, il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni jew assigurazzjonijiet speċifiċi, bħal:
 - a) informazzjoni dwar jekk ingħatax jew huwiex se jingħata aċċess reċiproku lill-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni Ewropea għal programmi, proġetti, azzjonijiet, attivitajiet jew partijiet minnhom tal-Montenegro li huma ekwivalenti għall-azzjoni kkonċernata ta' Orizzont Ewropa;

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764 tal-10 ta' Mejju 2021 li tistabilixxi l-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/743/UE (ĠU L 167 I, 12.5.2021, p. 1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/819 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (riformulazzjoni) (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 61).

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni (UE) 2021/820 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 dwar l-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) 2021–2027: Nagħtu Spinta lit-Talent u lill-Kapaċità ta' Innovazzjoni fl-Ewropa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 1312/2013/UE (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 91).

⁽⁷⁾ Il-miżuri restrittivi tal-UE jiġu adottati skont l-Artikolu 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew skont l-Artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

b) informazzjoni dwar jekk il-Montenegro għandux fis-seħħ mekkaniżmu nazzjonali ta' skrinjar ta' investimenti u ta' assigurazzjonijiet li jggarantixxu li l-awtoritajiet tal-Montenegro se jirrapportaw u se jikkonsultaw lill-Kummissjoni kull darba li, permezz ta' dan il-mekkaniżmu, isiru konxji li entità ġuridika tal-Montenegro tkun involuta f'investiment/akkwiżizzjoni barrani/ja ppjanat/a minn entità stabbilita fil-Montenegro jew ikkontrollata minnu, ladarba din l-entità ġuridika tal-Montenegro tkun irċeviet finanzjament minn Orizzont Ewropa f'azzjonijiet relatati mal-assi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà strateġiċi tal-Unjoni Ewropea, dment li l-Kummissjoni tforri lill-Montenegro bil-lista tal-entitajiet ġuridiċi rilevanti stabbiliti fil-Montenegro wara l-iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja ma' dawn l-entitajiet; u

c) assigurazzjonijiet li l-ebda wieħed mir-riżultati, mit-teknoloġiji, mis-servizzi u mill-prodotti żviluppati taħt l-azzjonijiet ikkonċernati mill-entitajiet stabbiliti fil-Montenegro ma għandu jkun soġġett għal restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tagħhom lejn l-Istati Membri tal-UE matul l-azzjoni u għal erba' snin wara t-tmiem tal-azzjoni. Il-Montenegro se jikkondividi lista aġġornata ta' suġġetti ta' restrizzjonijiet nazzjonali fuq l-esportazzjoni fuq bażi annwali, matul l-azzjoni u għal erba' snin wara t-tmiem tal-azzjoni.

4. L-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fil-Montenegro jistgħu jipparteċipaw fl-attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) skont it-termini u l-kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni Ewropea sakemm ma jkunux meħtieġa limitazzjonijiet sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-ambitu tal-parteċipazzjoni li tirriżulta mill-implimentazzjoni tal-paragrafu 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

5. Meta l-Unjoni Ewropea timplimenta l-Programm Orizzont Ewropa permezz tal-applikazzjoni tal-Artikoli 185 u 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Montenegro u l-entitajiet ġuridiċi tal-Montenegro jistgħu jipparteċipaw fl-istrutturi legali maħluqa skont dawk id-dispożizzjonijiet, f'konformità mal-atti legali tal-Unjoni Ewropea li ġew adottati jew li se jiġu adottati għall-istabbiliment ta' dawk l-istrutturi legali.

6. Ir-rappreżentanti tal-Montenegro għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw bħala osservaturi fil-kumitat imsemmi fl-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni (UE) 2021/764, mingħajr drittijiet tal-vot u għal punti li jikkonċernaw lill-Montenegro.

Fil-ħin tal-votazzjoni, dawn il-kumitati għandhom jiltaqgħu mingħajr il-preżenza tar-rappreżentanti tal-Montenegro. Il-Montenegro jrid ikun informat bir-riżultat.

Il-parteċipazzjoni kif jirriferi għaliha dan il-paragrafu għandha tieħu l-istess forma, inklużi l-proċeduri dwar kif tasal l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni, bħal dik applikabbli għar-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

7. Id-drittijiet tal-Montenegro għar-rappreżentazzjoni u l-parteċipazzjoni fil-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u s-sottogruppi tiegħu għandhom ikunu dawk applikabbli għall-pajjiżi assoċjati.

8. Ir-rappreżentanti tal-Montenegro għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw bħala osservaturi fil-Bord tal-Gvernaturi tal-JRC, mingħajr drittijiet tal-vot. Soġġetta għal dik il-kundizzjoni, tali parteċipazzjoni għandha tkun irregolata mill-istess regoli u proċeduri bħal dawk applikabbli għar-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, inklużi d-drittijiet tal-kelma u l-proċeduri għar-riċeviment ta' informazzjoni u dokumentazzjoni fir-rigward ta' punt li jikkonċerna lill-Montenegro.

9. Il-Montenegro jista' jipparticipa f'Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC) f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009⁽⁸⁾, fl-aktar verżjoni aġġornata tiegħu, u mal-att legali li jistabbilixxi l-ERIC.

10. Il-kostijiet tal-ivvjaġġar u l-ispejjeż tas-sussistenza mġarrba mir-rappreżentanti u l-esperti tal-Montenegro għall-finijiet tal-parteċipazzjoni tagħhom bħala osservaturi fil-ħidma tal-kumitat imsemmi fl-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni (UE) 2021/764, jew fl-aqgħat oħrajn marbutin mal-implimentazzjoni tal-Programm Orizzont Ewropa, għandhom jiġu rimborżati mill-Unjoni Ewropea fuq l-istess bażi u f'konformità mal-istess proċeduri fis-seħħ bħal fil-każ tar-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

11. Il-Partijiet għandhom jaġhmlu kull sforz, fil-qafas tad-dispożizzjonijiet eżistenti, sabiex jiffaċilitaw il-moviment liberu u r-residenza tax-xjenzati li jipparteċipaw fl-attivitajiet koperti b'dan il-Ftehim u sabiex ikun iffaċilitat il-moviment transfruntier tal-merkanzija u tas-servizzi maħsubin sabiex jintużaw f'dawn l-attivitajiet.

⁽⁸⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar il-qafas ġuridiku Komunitarju applikabbli għal Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC) (ĠU L 206, 8.8.2009, p. 1).

12. Il-Montenegro għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa, kif xieraq, sabiex jiżgura li l-merkanzija u s-servizzi, mixtrija fil-Montenegro jew importati lejn il-Montenegro, li huma parzjalment jew kompletament ifffinanzjati skont il-fehimiet ta' għotja u/jew il-kuntratti konklużi għat-tweqqijiet tal-attivitajiet f'konformità ma' dan il-Ftehim, huma eżentati mid-dazji doganali, mid-dazji fuq l-importazzjoni u minn imposti fiskali oħrajn, inkluż il-VAT, li huma applikabbli fil-Montenegro.

Artikolu 3

Kontribuzzjoni finanzjarja

1. Il-parteċipazzjoni tal-Montenegro jew tal-entitajiet ġuridiċi tal-Montenegro fil-Programm Orizzont Ewropa għandha tkun soġġetta għall-Montenegro li jikkontribwixxi finanzjarjament għall-Programm u l-kostijiet relatati tal-ġestjoni, l-eżekuzzjoni u l-operazzjoni fil-qafas tal- baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“baġit tal-Unjoni”).

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tieħu l-forma tas-somma ta':

a) kontribuzzjoni operazzjonali; u

b) tariffa ta' parteċipazzjoni.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tieħu l-forma ta' pagament annwali li jsir f'żewġ pagamenti parzjali, u għandha tkun dovuta sa mhux aktar tard minn Mejju u Lulju.

4. Il-kontribuzzjoni operazzjonali għandha tkopri n-nefqa operazzjonali u ta' appoġġ tal-Programm u tkun addizzjonali kemm fl-appropriazzjonijiet ta' impenn kif ukoll f'dawk ta' pagament għall-ammonti mdaħħla fil-baġit tal-Unjoni adottat b'mod definitiv għall-Programm Orizzont Ewropa, inkluż kwalunkwe appropriazzjoni li tikkorrispondi għad-diżimpenji li jsiru disponibbli għal darb'oħra kif imsemmi fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁹⁾, fl-aktar verżjoni aġġornata tiegħu (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “ir-Regolament Finanzjarju”), u miżjuda bi dħul assenjat estern li ma jirriżultax minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-Programm Orizzont Ewropa minn donaturi⁽¹⁰⁾ oħrajn.

Għad-dħul assenjat estern allokat għall-Programm Orizzont Ewropa skont l-Artikolu 3.1 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 li jstabbilixxi strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19⁽¹¹⁾, din iż-żieda għandha tikkorrispondi għall-appropriazzjonijiet annwali indikati fid-dokumenti li jakkumpanjaw l-Abbozz tal-Baġit fir-rigward tal-Programm Orizzont Ewropa.

5. Il-kontribuzzjoni operazzjonali inizjali għandha tkun ibbażata fuq koeffiċjent tal-kontribuzzjoni definit bħala l-proporzjon tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) tal-Montenegro bil-prezzijiet tas-suq mal-PDG tal-Unjoni Ewropea bil-prezzijiet tas-suq. Il-PDG bil-prezzijiet tas-suq li għandhom jiġu applikati għandhom jiġu ddeterminati mis-servizzi ddedikati tal-Kummissjoni abbażi tal-aktar *data* statistika reċenti disponibbli għall-kalkoli tal-baġit fis-sena ta' qabel is-sena li fiha huwa dovut il-pagament annwali. B'deroga, għall-2021, il-kontribuzzjoni operazzjonali inizjali għandha tkun ibbażata fuq il-PDG tas-sena 2019 bil-prezzijiet tas-suq. L-aġġustamenti ta' dan il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni huma stabbiliti fl-Anness I.

6. Il-kontribuzzjoni operazzjonali inizjali għandha tiġi kkalkolata bl-applikazzjoni tal-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni, kif aġġustat, mal-appropriazzjonijiet ta' impenn inizjali mdaħħla fil-baġit tal-Unjoni Ewropea adottat b'mod definitiv għas-sena applikabbli għall-finanzjament tal-Programm Orizzont Ewropa, miżjud f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

7. It-tariffa ta' parteċipazzjoni għandha tkun ta' 4 % tal-kontribuzzjoni operazzjonali inizjali annwali kif ikkalkolata f'konformità mal-paragrafi 5 u 6 ta' dan l-Artikolu u għandha tiddaħħal gradwalment kif stabbilit fl-Anness I. It-tariffa tal-parteċipazzjoni ma għandhiex tkun soġġetta għal aġġustamenti jew korrezzjonijiet retrospettivi.

8. Il-kontribuzzjoni operazzjonali inizjali għal sena N tista' tiġi aġġustata 'l fuq jew 'l isfel b'mod retrospettiv f'sena sussegwenti waħda jew aktar fuq il-bażi tal-impenji baġitarji magħmula fuq l-appropriazzjonijiet ta' impenn ta' dik is-sena N, miżjuda f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-implimentazzjoni tagħhom permezz ta' impenji legali u d-diżimpenji tagħhom. Id-dispożizzjonijiet dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu jinsabu fl-Anness I.

⁽⁹⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

⁽¹⁰⁾ Dan jinkludi b'mod partikolari r-riżorsi mill-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 23).

⁽¹¹⁾ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 23.

9. L-Unjoni Ewropea għandha ttiprovdi lill-Montenegro b'informazzjoni fir-rigward tal-parteċipazzjoni finanzjarja tiegħu kif inkluża fl-informazzjoni relatata mal-baġit, il-kontabbiltà, il-prestazzjoni u l-evalwazzjoni pprovduta lill-awtoritajiet baġitarji u tal-kwittanza tal-Unjoni Ewropea dwar il-Programm Orizzont Ewropa.

Dik l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta b'kunsiderazzjoni dovuta għar-regoli dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-*data* tal-Unjoni Ewropea u tal-Montenegro u għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-informazzjoni li l-Montenegro huwa intitolat li jirċievi skont l-Anness III.

10. Il-kontribuzzjonijiet kollha tal-Montenegro jew il-pagamenti mill-Unjoni Ewropea, u l-kalkolu tal-ammonti dovuti jew li għandhom jiġu riċevuti għandhom isiru feuro.

Artikolu 4

Mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika

1. Għandu japplika mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika tal-kontribuzzjoni operazzjonali inizjali tal-Montenegro għas-sena N, kif aġġustat f'konformità mal-Artikolu 3(8), u għandu jiġi kkalkolat fis-sena N+2. Dan għandu jkun abbażi tal-prestazzjoni tal-Montenegro u tal-entitajiet ġuridiċi tal-Montenegro fil-partijiet tal-Programm Orizzont Ewropa li huma implimentati permezz ta' għotjiet kompetittivi ffinanzjati minn approprjazzjonijiet ta' impenn mis-sena N, miżjuda f'konformità mal-Artikolu 3(4).

L-ammont tal-korrezzjoni awtomatika għandu jiġi kkalkolat abbażi tad-differenza bejn:

- a) l-ammonti inizjali tal-impenni legali għal għotjiet kompetittivi li fil-fatt daħlu għalihom il-Montenegro jew l-entitajiet ġuridiċi tal-Montenegro ffinanzjati minn approprjazzjonijiet ta' impenn tas-sena N, miżjuda f'konformità mal-Artikolu 3(4); u
- b) il-kontribuzzjoni operazzjonali korrispondenti tas-sena N imħallsa mill-Montenegro kif aġġustata skont l-Artikolu 3(8), esklużi l-kostijiet mhux ta' intervent iffinanzjati mill-approprjazzjonijiet ta' impenn mis-sena N, miżjuda f'konformità mal-Artikolu 3(4).

2. Meta l-ammont imsemmi fil-paragrafu 1, kemm jekk dak l-ammont huwa pożittiv kif ukoll jekk huwa negattiv, jaqbeż it-8 % tal-kontribuzzjoni operazzjonali inizjali korrispondenti kif aġġustata skont l-Artikolu 3(8), il-kontribuzzjoni operazzjonali inizjali tal-Montenegro għas-sena N għandha tiġi kkoreġuta. L-ammont dovut mill-Montenegro jew li għandu jiġi riċevut minnu bħala kontribuzzjoni jew tnaqqis addizzjonali tal-kontribuzzjoni tal-Montenegro fil-qafas tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika għandu jkun l-ammont li jaqbeż dan il-limitu ta' 8 %. L-ammont taħt dan il-limitu ta' 8 % mhux se jitqies fil-kalkolu tal-kontribuzzjoni addizzjonali dovuta jew ikkumpensata.

3. Ir-regoli dettaljati dwar il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika huma stabbiliti fl-Anness I.

Artikolu 5

Reċiproċità

1. L-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni Ewropea jistgħu jipparteċipaw fi programmi, proġetti, azzjonijiet, attivitajiet jew partijiet minnhom tal-Montenegro, li huma ekwivalenti għall-Programm Orizzont Ewropa, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tal-Montenegro.

2. Il-lista mhux eżawrjenti tal-programmi, tal-proġetti, tal-azzjonijiet, tal-attivitajiet jew ta' partijiet minnhom tal-Montenegro li huma ekwivalenti, hija prevista fl-Anness II.

3. Il-finanzjament mill-Montenegro ta' entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni għandu jkun soġġett għal-liġijiet u għar-regolamenti tal-Montenegro li jirregolaw l-operazzjoni ta' programmi, proġetti, azzjonijiet, attivitajiet jew partijiet minnhom fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni. Meta ma jkunx approvdut finanzjament, l-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni jistgħu jipparteċipaw bil-mezzi tagħhom stess.

Artikolu 6

Xjenza Miftuħa

Il-Partijiet għandhom jippromwovu u jinkoraġġixxu b'mod reċiproku il-prattiki tax-xjenza miftuħa fil-programmi, fil-proġetti, fl-azzjonijiet, fl-attivitajiet jew f'partijiet minnhom, f'konformità mar-regoli tal-Programm Orizzont Ewropa u mal-liġijiet u r-regolamenti tal-Montenegro.

Artikolu 7

Monitoraġġ, Evalwazzjoni u Rapportar

1. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni, tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u tal-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Programm Orizzont Ewropa, il-parteċipazzjoni tal-Montenegro f'dak il-Programm għandha tiġi mmonitorjata kontinwament fuq bażi ta' sħubija li tinvolvi lill-Kummissjoni u lill-Montenegro.
2. Ir-regoli dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba, inklużi l-kontroll finanzjarju, l-irkupru u miżuri oħrajn ta' kontra l-frodi fir-rigward tal-finanzjament tal-Unjoni Ewropea skont dan il-Ftehim huma stabbiliti fl-Anness III.

Artikolu 8

Kumitat Konġunt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni UE-Montenegro

1. Il-Kumitat Konġunt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni UE-Montenegro huwa b'dan stabbilit (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Kumitat Konġunt UE-Montenegro"). Il-kompiti tal-Kumitat Konġunt UE-Montenegro għandhom jinkludu:
 - a) il-valutazzjoni, l-evalwazzjoni u r-rieżami tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, b'mod partikolari:
 - (i) il-parteċipazzjoni u l-prestazzjoni tal-entitajiet ġuridiċi tal-Montenegro fil-Programm Orizzont Ewropa;
 - (ii) il-livell ta' ftuħ (reċiproku) għall-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'kull Parti sabiex jipparteċipaw fi programmi, proġetti, azzjonijiet, attivitajiet jew partijiet minnhom tal-Parti l-oħra;
 - (iii) l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kontribuzzjoni finanzjarja u l-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika f'konformità mal-Artikoli 3 u 4;
 - (iv) l-iskambju ta' informazzjoni u l-eżami ta' kwalunkwe mistoqsija possibbli dwar l-isfruttament tar-riżultati, inklużi d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;
 - b) id-diskussjoni fuq talba ta' kwalunkwe Parti fuq restrizzjonijiet applikati jew ipplanati mill-Partijiet dwar l-aċċess għall-programmi rispettivi tagħhom ta' riċerka u innovazzjoni, inkluż b'mod partikolari għal azzjonijiet relatati mal-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà tagħhom;
 - c) l-eżami ta' kif tista' tittejjeb u tiġi żviluppata l-kooperazzjoni;
 - d) id-diskussjoni b'mod konġunt tal-orjentazzjonijiet u tal-prijoritajiet futuri tal-politiki relatati mar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-ippjanar tar-riċerka ta' interess komuni; u
 - e) l-iskambju ta' informazzjoni, fost l-oħrajn, dwar leġiżlazzjoni, deċiżjonijiet jew programmi nazzjonali ta' riċerka u innovazzjoni ġodda li huma rilevanti għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.
2. Il-Kumitat Konġunt UE-Montenegro, li għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea u tal-Montenegro, għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.
3. Il-Kumitat Konġunt UE-Montenegro jista' jiddeċiedi li jstabbilixxi kwalunkwe grupp ta' ħidma/korp konsultattiv fuq bażi *ad hoc* fil-livell ta' esperti, li jista' jassisti fit-tweġiq tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.
4. Il-Kumitat Konġunt UE-Montenegro għandu jiltaqa' mill-anqas darba fis-sena, u, kull meta ċirkostanzi speċjali jirrikjedu dan, fuq talba ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet. Il-laqgħat għandhom jiġu organizzati u ospitati b'mod alternat mill-Unjoni Ewropea u mill-Awtorità Nazzjonali tal-Montenegro inkarigata mix-Xjenza u r-Riċerka.
5. Il-Kumitat Konġunt UE-Montenegro għandu jaħdem fuq bażi kontinwa permezz ta' skambju ta' informazzjoni rilevanti bi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-parteċipazzjoni/prestazzjoni tal-entitajiet ġuridiċi tal-Montenegro. Il-Kumitat Konġunt UE-Montenegro jista' jwettaq b'mod partikolari l-kompiti tiegħu bil-miktub kull meta tinqala' l-ħtieġa.

Artikolu 9

Dispożizzjonijiet finali

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri interni tagħhom meħtieġa għal dak il-għan.
2. Dan il-Ftehim għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021. Dan għandu jibqa' fis-seħħ sakemm ikun meħtieġ għall-proġetti, l-azzjonijiet, l-attivitajiet jew partijiet minnhom kollha ffinanzjati mill-Programm Orizzont Ewropa, l-azzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea u l-obbligi finanzjarji kollha li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim bejn il-Partijiet li għandhom jitlestew.
3. L-Unjoni Ewropea u l-Montenegro jistgħu japplikaw dan il-Ftehim b'mod provviżorju f'konformità mal-proċeduri u l-leġiżlazzjoni interni rispettivi tagħhom. L-applikazzjoni provviżorja għandha tibda fid-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri interni tagħhom meħtieġa għal dak il-għan.
4. Jekk il-Montenegro jinnotifika lill-Kummissjoni li taġixxi f'isem l-Unjoni Ewropea li ma huwiex se jlesti l-proċeduri interni tiegħu meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, dan il-Ftehim ma għandux jibqa' japplika b'mod provviżorju fid-data tal-wasla ta' din in-notifika mill-Kummissjoni, li għandha tikkostitwixxi d-data ta' waqfien għall-finijiet ta' dan il-Ftehim.
5. L-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim tista' tiġi sospiża mill-Unjoni Ewropea f'każ ta' nuqqas ta' pagament parzjali jew sħiħ tal-kontribuzzjoni finanzjarja dovuta mill-Montenegro skont dan il-Ftehim.

F'każ ta' nuqqas ta' pagament li jista' jipperikola b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-Programm Orizzont Ewropa, il-Kummissjoni għandha tibgħat ittra formali ta' tfakkira. Meta ma jsir l-ebda pagament fi żmien 20 jum tax-xogħol wara l-ittra formali ta' tfakkira, is-sospensjoni tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tiġi nnotifikata mill-Kummissjoni lill-Montenegro permezz ta' ittra formali ta' notifika u għandha tidħol fis-seħħ 15-il jum wara l-wasla ta' din in-notifika mill-Montenegro.

F'każ li l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim tiġi sospiża, l-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fil-Montenegro ma għandhomx ikunu eliġibbli li jipparteċipaw fi proċeduri ta' għoti li jkunu għadhom ma tlestewx meta tidħol fis-seħħ is-sospensjoni. Proċedura ta' għoti għandha titqies bħala kompluta meta jkunu saru impenji legali bħala riżultat ta' dik il-proċedura.

Is-sospensjoni ma taffettwax l-impenji legali konklużi mal-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fil-Montenegro qabel ma tkun daħlet fis-seħħ is-sospensjoni. Dan il-Ftehim għandu jkompli japplika għal tali impenji legali.

L-Unjoni Ewropea għandha tinnofika minnufih lill-Montenegro ladarba l-ammont sħiħ tal-kontribuzzjoni finanzjarja dovuta jkun wasal għand l-Unjoni Ewropea. Is-sospensjoni għandha titneħħa b'effett immedjat malli ssir din in-notifika.

Mid-data meta titneħħa s-sospensjoni, l-entitajiet ġuridiċi tal-Montenegro għandhom jerġgħu jkunu eliġibbli fi proċeduri ta' għoti mnedija wara din id-data u fi proċeduri ta' għoti mnedija qabel din id-data, li għalihom l-iskadenzi għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet ma jkunux skadew.

6. Kwalunkwe Parti tista' tittermina dan il-Ftehim fi kwalunkwe waqt b'notifika bil-miktub li tinforma lill-Parti l-oħra bl-intenzjoni li tittermina dan il-Ftehim. It-terminazzjoni tal-Ftehim għandha tidħol fis-seħħ tliet xhur kalendarji wara d-data li fiha n-notifika bil-miktub tkun waslet għand id-destinatarju tagħha. Id-data li fiha tidħol fis-seħħ it-terminazzjoni għandha tikkostitwixxi d-data tat-terminazzjoni għall-finijiet ta' dan il-Ftehim.
7. Meta dan il-Ftehim ma jibqax japplika b'mod provviżorju f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jew jiġi tterminat f'konformità mal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, il-Partijiet jaqblu li:

- (a) il-proġetti, l-azzjonijiet, l-attivitajiet jew partijiet minnhom li fir-rigward tagħhom ikunu ddaħħlu impenji legali matul l-applikazzjoni provviżorja u/jew wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u qabel ma dan il-Ftehim ma jibqax japplika jew jiġi tterminat għandu jkompli sakemm dawn jitlestew skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim;

- (b) il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tas-sena N li matulha dan il-Ftehim ma jibqax japplika b'mod provviżorju jew jiġi tterminat għandha titħallas kompletament f'konformità mal-Artikolu 3. Il-kontribuzzjoni operazzjonali tas-sena N għandha tiġi aġġustata f'konformità mal-Artikolu 3(8) u kkoreġuta f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dan il-Ftehim. It-tariffa ta'parteċipazzjoni mħallsa għas-sena N ma għandhiex tiġi aġġustata jew ikkoreġuta; u
- (c) wara s-sena li matulha dan il-Ftehim ma jibqax japplika b'mod provviżorju jew jiġi tterminat, il-kontribuzzjonijiet operazzjonali inizjali mħallsa għas-snin li matulhom japplika dan il-Ftehim għandhom jiġu aġġustati f'konformità mal-Artikolu 3(8) u għandhom jiġu kkoreġuti awtomatikament f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dan il-Ftehim.

Il-Partijiet għandhom isolvu b'kunsens komuni kwalunkwe konsegwenza oħra tat-terminazzjoni jew tal-waqfien tal-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim.

Dan il-Ftehim jista' jiġi emendat biss bil-miktub u bil-kunsens komuni tal-Partijiet. Id-dħul fis-seħħ tal-emendi se jsegwi l-istess proċedura bħal dik applikabbli għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

8. L-Annessi ta' dan il-Ftehim għandhom jiffurmaw parti integrali minn dan tal-aħħar.

Dan il-Ftehim għandu jitfassal f'żewġ kopji bl-Ingliż u bil-Montenegrin, b'kull test ikun ugwalment awtentiku. F'każ ta' diverġenza ta' interpretazzjoni, għandu jipprevali t-test bl-Ingliż.

Magħmul fi Brussell, f'dan is-sitt jum ta' Diċembru, u f'Podgorica, f'dan it-tielet jum ta' Diċembru fis-sena 2021.

Għall-Kummissjoni, fisem l-Unjoni Ewropea,

Mariya GABRIEL

*Kummissarju għall-Innovazzjoni, ir-Riċerka,
il-Kultura, l-Edukazzjoni u ż-Żgħażaġħ*

Għall-Gvern tal-Montenegro,

Vesna BRATIĆ

*Ministru għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza, il-Kultura
u l-Ispport*

ANNEX I

Regoli li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Montenegro għall-Programm Orizzont Ewropa (2021–2027)**I. Kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Montenegro**

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Montenegro għall-Programm Orizzont Ewropa għandha tiġi stabbilita fuq bażi annwali proporzjonalment u b'żieda mal-ammont disponibbli kull sena fil-baġit tal-Unjoni għall-appropriazzjonijiet ta' impenn meħtieġa għall-ġestjoni, l-eżekuzzjoni u l-operazzjoni tal-Programm Orizzont Ewropa, miżjuda f'konformità mal-Artikolu 3(4) ta' dan il-Ftehim.

2. It-tariffa ta' parteċipazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(7) ta' dan il-Ftehim għandha tiddaħħal gradwalment kif ġej:

— 2021: 0,5 %;

— 2022: 1 %;

— 2023: 1,5 %;

— 2024: 2 %;

— 2025: 2,5 %;

— 2026: 3 %;

— 2027: 4 %.

3. F'konformità mal-Artikolu 3(5) ta' dan il-Ftehim, il-kontribuzzjoni operazzjonali inizjali li għandha titħallas mill-Montenegro għall-partiċipazzjoni tiegħu fil-Programm Orizzont Ewropa se tiġi kkalkolata għas-snin finanzjarji rispettivi billi jiġi applikat aġġustament għall-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni.

L-aġġustament għall-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni għandu jkun:

$$\text{Koeffiċjent tal-Kontribuzzjoni Aġġustat} = \text{Koeffiċjent tal-Kontribuzzjoni} \times \text{Koeffiċjent}$$

Il-koeffiċjent użat għall-kalkolu ta' hawn fuq sabiex jiġi aġġustat il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni għandu jkun ta' 0,18.

4. F'konformità mal-Artikolu 3(8) ta' dan il-Ftehim, l-ewwel aġġustament li jappartjeni għall-implimentazzjoni tal-baġit tas-sena N għandu jsir fis-sena N+1 meta l-kontribuzzjoni operazzjonali inizjali tas-sena N għandha tiġi aġġustata 'l fuq jew 'l isfel bid-differenza bejn:

a) il-kontribuzzjoni aġġustata kkalkolata bl-applikazzjoni tal-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni aġġustata tas-sena N għas-somma:

i. tal-ammont ta' impenji baġitarji magħmula fuq appropriazzjonijiet ta' impenn awtorizzati għas-sena N skont il-baġit tal-Unjoni Ewropea vvotat u fuq appropriazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għad-diżimpenji li jsiru disponibbli għal darb'oħra; u

ii. kwalunkwe appropriazzjoni ta' impenn ibbażata fuq id-dħul assenjat estern li ma tirriżultax minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-Programm Orizzont Ewropa minn donaturi oħrajn u li kienet disponibbli fl-aħħar tas-sena N⁽¹⁾. Għad-dħul assenjat estern allokat lil Orizzont Ewropa skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19⁽²⁾, l-ammonti indikattivi annwali fl-ippogrammar tal-QFP għandhom jintużaw għall-fini tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni aġġustata.

⁽¹⁾ Dan jinkludi b'mod partikolari r-riżorsi mill-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 23).

⁽²⁾ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 23.

b) u l-kontribuzzjoni operazzjonali inizjali tas-sena N.

Mis-sena N+2, u kull sena sussegwenti, sakemm l-impenji baġitarji kollha ffinanzjati fil-qafas tal-appropriazzjonijiet ta' impenn li joriġinaw mis-sena N, żdiedu f'konformità mal-Artikolu 3(4) ta' dan il-Ftehim, ikunu tħallsu jew ġew diżimpenjati, u mhux aktar tard minn tliet snin wara t-tmiem tal-Programm Orizzont Ewropa, l-Unjoni għandha tikkalkola aġġustament tal-kontribuzzjoni operazzjonali tas-sena N billi tnaqqas il-kontribuzzjoni operazzjonali tal-Montenegro bl-ammont miksub bl-applikazzjoni tal-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni aġġustat tas-sena N għad-diżimpenn li jsir kull sena fuq l-impenji tas-sena N iffinanzjati fil-qafas tal-baġit tal-Unjoni jew mid-diżimpenji li jsiru disponibbli għal darb'oħra.

Jekk l-ammonti li jirriżultaw mid-dħul assenjat estern tas-sena N (sabiex jiġu inklużi l-appropriazzjonijiet ta' impenn, u, għall-ammonti skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094, l-ammonti indikattivi annwali fl-ipprogrammar tal-QFP) li ma jirriżultawx minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-Programm Orizzont Ewropa minn donaturi oħrajn jiġu kkanċellati, il-kontribuzzjoni operazzjonali tal-Montenegro għandha titnaqqas bl-ammont miksub bl-applikazzjoni tal-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni aġġustat tas-sena N għall-ammont imħassar.

II. Korrezzjoni awtomatika tal-kontribuzzjoni operazzjonali tal-Montenegro

1. Għall-kalkolu tal-korrezzjoni awtomatika kif imsemmi fl-Artikolu 4 ta' dan il-Ftehim, għandhom japplikaw il-modalitajiet li ġejjin:

- a) "għotjiet kompetittivi" tfisser għotjiet mogħtija permezz ta' sejħiet għal proposti fejn il-benefiċjarji finali jistgħu jiġu identifikati fil-ħin tal-kalkolu tal-korrezzjoni awtomatika. L-appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi kif definit fl-Artikolu 204 tar-Regolament Finanzjarju huwa eskluż;
- b) meta jiġi ffirmat impenn legali ma' konsorzju, l-ammonti użati sabiex jiġu stabbiliti l-ammonti inizjali tal-impenn legali għandhom ikunu l-ammonti kumulattivi allokati lill-benefiċjarji li huma entitajiet tal-Montenegro f'konformità mat-tqassim tal-baġit indikattiv tal-ftehim ta' għotja;
- c) l-ammonti kollha ta' impenji legali li jikkorrispondu għal għotjiet kompetittivi għandhom jiġu stabbiliti bl-użu tas-sistema elettronika tal-Kummissjoni Ewropea eCorda u jiġu estratti fit-tieni Erbgħa ta' Frar tas-sena N+2;
- d) "kostijiet mhux ta' intervent" tfisser kostijiet tal-Programm minbarra għotjiet kompetittivi, inklużi nefqa ta' appoġġ, amministrazzjoni speċifika għall-programm, azzjonijiet oħra ⁽³⁾;
- e) l-ammonti allokati lill-organizzazzjonijiet internazzjonali bħala entitajiet ġuridiċi li huma l-benefiċjarji finali ⁽⁴⁾ għandhom jitqiesu bħala kostijiet mhux ta' intervent.

2. Il-mekkaniżmu għandu jiġi applikat kif ġej:

- a) Il-korrezzjonijiet awtomatiċi għas-sena N fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' impenn għas-sena N, miżjuda f'konformità mal-Artikolu 3(4) ta' dan il-Ftehim, għandhom jiġu applikati abbażi ta' *data* dwar is-sena N u s-sena N+1 minn e-Corda msemmija fil-punt c) tal-paragrafu (1) tal-punt (II) ta' dan l-Anness fis-sena N+2 wara li kwalunkwe aġġustament f'konformità mal-Artikolu 3(8) ta' dan il-Ftehim ikun ġie applikat għall-kontribuzzjoni tal-Montenegro għall-Programm Orizzont Ewropa. L-ammont ikkunsidrat se jkun l-ammont ta' għotjiet kompetittivi li għalihom hija disponibbli *d-data*, fil-ħin tal-kalkolu tal-korrezzjoni.
- b) Mis-sena N+2 u sal-2029, l-ammont tal-korrezzjoni awtomatika għandu jiġi kkalkolat għas-sena N billi tittieħed id-differenza bejn:
 - i. l-ammont totali tal-għotjiet kompetittivi mqasma lill-Montenegro jew lill-entitajiet ġuridiċi tal-Montenegro bħala impenji magħmula fuq l-appropriazzjonijiet baġitarji tas-sena N; u

⁽³⁾ Azzjonijiet oħra jinkludu b'mod partikolari l-akkwist pubbliku, il-premjijiet, l-istrumenti finanzjarji, l-azzjonijiet diretti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, l-Abbonamenti (OECD, Eureka, IPEEC, AIE, ...), l-esperti (l-evalwaturi, il-monitoraġġ tal-proġetti) eċċ.

⁽⁴⁾ L-organizzazzjonijiet internazzjonali jitqiesu biss bħala kostijiet mhux ta' intervent jekk ikunu benefiċjarji finali. Dan mhux se japplika meta organizzazzjoni internazzjonali tkun koordinatur ta' proġett (tqassam fondi lil koordinaturi oħrajn).

ii. l-ammont tal-kontribuzzjoni operazzjonali aġġustata tal-Montenegro għas-sena N immultiplikata bil-proporzjon bejn:

- A. l-ammont ta' għotjiet kompetittivi magħmula fuq approprjazzjonijiet ta' impenn tas-sena N, miżjuda f'konformità mal-Artikolu 3(4) ta' dan il-Ftehim; u
- B. it-total tal-approprjazzjonijiet ta' impenn baġitarju awtorizzati kollha għas-sena N, inklużi l-kostijiet mhux ta' intervent.

III. Il-pagament tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Montenegro, il-pagament tal-aġġustamenti magħmula fuq il-kontribuzzjoni operazzjonali tal-Montenegro, u l-pagament tal-korrezzjoni awtomatika applikabbli għall-kontribuzzjoni operazzjonali tal-Montenegro

1. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Montenegro, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-ħruġ tal-ewwel sejħa għall-fondi tas-sena finanzjarja, l-informazzjoni li ġejja:

- a. l-ammonti f'approprjazzjonijiet ta' impenn fil-baġit tal-Unjoni adottati b'mod definittiv għas-sena inkwistjoni għal-linji baġitarji li jkopru l-parteċipazzjoni tal-Montenegro, fil-Programm Orizzont Ewropa li żdiedu, jekk rilevanti, f'konformità mal-Artikolu 3(4) ta' dan il-Ftehim;
- b. l-ammont tat-tariffa ta' parteċipazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(7) ta' dan il-Ftehim;
- c. mis-sena N+1 tal-implimentazzjoni tal-Programm Orizzont Ewropa, l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għas-sena baġitarja N, miżjuda f'konformità mal-Artikolu 3(4) ta' dan il-Ftehim u l-livell ta' diżimpenn;
- d. għall-parti tal-Programm Orizzont Ewropa fejn tali informazzjoni hija meħtieġa sabiex tiġi kkalkolata l-korrezzjoni awtomatika, il-livell ta' impenji li saru favur l-entitajiet ġuridiċi tal-Montenegro mqasma skont is-sena korrispondenti tal-approprjazzjonijiet baġitarji u l-livell totali relatat tal-impenji.

Abbażi tal-Abbozz tal-Baġit tagħha, il-Kummissjoni għandha tipprova stima tal-informazzjoni għas-sena ta' wara skont il-punti (a) u (b) mill-aktar fis possibbli, u, mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru tas-sena finanzjarja.

2. Il-Kummissjoni għandha toħroġ, sa mhux aktar tard minn April u Ġunju ta' kull sena finanzjarja, sejħa għall-fondi lill-Montenegro li tikkorrispondu mal-kontribuzzjoni tiegħu skont dan il-Ftehim.

Kull sejħa għall-fondi għandha tipprevedi l-pagament ta' sitta minn kull tnax tal-kontribuzzjoni tal-Montenegro mhux aktar tard minn 30 jum wara li tinħareġ is-sejħa għall-fondi.

Għall-ewwel sena ta' implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-Kummissjoni għandha toħroġ sejħa waħda għall-fondi, fi żmien 60 jum wara d-data li fiha l-Ftehim jibda jgħid effetti legali.

3. Kull sena mill-2023, is-sejħiet għall-fondi għandhom jirriflettu wkoll l-ammont tal-korrezzjoni awtomatika applikabbli għall-kontribuzzjoni operazzjonali mħallsa għas-sena N-2.

Is-sejħa għall-fondi maħruġa mhux aktar tard minn April tista' tinkludi wkoll aġġustamenti tal-kontribuzzjoni finanzjarja mħallsa mill-Montenegro għall-implimentazzjoni, il-ġestjoni u l-operazzjoni tal-Programm(i) Qafas preċedenti għar-Riċerka u l-Innovazzjoni li fih(om) ipparteċipa l-Montenegro.

Għal kull waħda mis-snin finanzjarji tal-2028, l-2029 u l-2030, l-ammont li jirriżulta mill-korrezzjoni awtomatika applikata għall-kontribuzzjonijiet operazzjonali li jkunu tħallsu fl-2026 u fl-2027 mill-Montenegro jew mill-aġġustamenti magħmula f'konformità mal-Artikolu 3(8) ta' dan il-Ftehim se jkun dovut lil Montenegro jew minnu.

4. Il-Montenegro għandu jħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja tiegħu skont dan il-Ftehim f'konformità mal-parti (III) ta' dan l-Anness. Fin-nuqqas ta' pagament mill-Montenegro sad-data dovuta, il-Kummissjoni għandha tibgħat ittra formali ta' tfakkira.

Kull dewmien fil-pagament tal-kontribuzzjoni finanzjarja għandu jiskatta l-pagament ta' imgħax ta' inadempjenza mill-Montenegro fuq l-ammont pendenti, u dan mid-data dovuta.

Ir-rata tal-imgħax fuq l-ammonti riċevibbli mhux imħallsa fid-data dovuta għandha tkun ir-rata li japplika l-Bank Ċentrali Ewropew fl-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li tkun fis-seħħ fl-ewwel jum kalendarju tax-xahar meta kien dovut il-pagament, u miżjuda b'punt u nofs perċentwali.

ANNEX II

Lista mhux eżawrjenti tal-programmi, tal-proġetti, tal-azzjonijiet, tal-attivitajiet jew ta' partijiet minnhom tal-Montenegro li huma ekwivalenti

Il-lista mhux eżawrjenti li ġejja għandha titqies bħala programmi, proġetti, azzjonijiet u attivitajiet tal-Montenegro ekwivalenti għall-Programm Orizzont Ewropa:

- Programm taċ-Ċentri ta' Eċċellenza;
 - Għotjiet għall-finanzjament tal-proġetti ta' riċerka xjentifika;
 - Programm kollaborattiv għall-innovazzjoni 2019–2024;
 - Programm ta' preaċċelerazzjoni għan-negozji l-ġodda.
-

ANNEX III

Ġestjoni Finanzjarja Tajba

Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji u l-irkupru

*Artikolu 1***Rieżamijiet u awditi**

1. L-Unjoni Ewropea għandu jkollha d-dritt li ttwettaq, f'konformità mal-atti applikabbli ta' istituzzjoni jew korp tal-Unjoni wieħed jew aktar u kif previst fil-ftehimiet u/jew fil-kuntratti rilevanti, fir-rieżamijiet u awditi tekniċi, xjentifiċi, finanzjarji, jew tipi oħra ta' rieżamijiet u awditi fuq il-post ta' kwalunkwe persuna fiżika residenti fil-Montenegro jew kwalunkwe entità ġuridika stabbilita fih u li tirċievi finanzjament mill-Unjoni Ewropea, kif ukoll kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni li jirrisjedu jew li huma stabbiliti fil-Montenegro. Tali rieżami u awditi jistgħu jitwettqu mill-aġenti tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Qorti tal-Awdituri, jew minn persuni oħrajn maħtura mill-Kummissjoni Ewropea.

2. L-aġenti tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Qorti tal-Awdituri, u l-persuni l-oħrajn maħtura mill-Kummissjoni Ewropea, għandu jkollhom aċċess xieraq għal siti, xogħlijiet u dokumenti (kemm f'verżjonijiet elettroniki kif ukoll f'dawk stampati) u għall-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex iwettqu tali awditi, inkluż id-dritt li jiksbu kopja fiżika/elettronika ta' kwalunkwe dokument jew tal-kontenut ta' kwalunkwe mezz ta' data jew estratti minnhom, li jkunu miżmuma mill-persuna fiżika jew ġuridika awditjata, jew mill-parti terza awditjata.

3. Il-Montenegro ma għandux jipprevjeni jew iqajjem xi ostakolu partikolari għad-dritt ta' dħul fil-Montenegro u għall-aċċess għall-binjiet tal-aġenti u ta' persuni oħrajn imsemmija fil-paragrafu 2 abbażi tal-eżerċizzju tad-dmirijiet tagħhom imsemmija f'dan l-Artikolu.

4. Ir-rieżamijiet u l-awditi jistgħu jitwettqu, anke wara s-sospensjoni tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim skont l-Artikolu 9(5) tiegħu, il-waqfien tal-applikazzjoni provviżorja jew it-terminazzjoni tiegħu, skont it-termini stabbiliti fl-atti applikabbli ta' istituzzjoni jew korp tal-Unjoni Ewropea wieħed jew aktar u kif previst fil-ftehimiet u/jew fil-kuntratti rilevanti fir-rigward ta' kwalunkwe impenn legali li jimplementa l-baġit tal-Unjoni Ewropea li tkun daħlet għalih l-Unjoni Ewropea qabel id-data li fiha s-sospensjoni mill-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim skont l-Artikolu 9(5) tiegħu, il-waqfien tal-applikazzjoni provviżorja jew it-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim tidħol fis-seħħ.

*Artikolu 2***Ġlieda kontra l-irregolaritajiet, il-frodi u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għandhom ikunu awtorizzati jwettqu investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, fit-territorju tal-Montenegro. Dawn l-investigazzjonijiet għandhom jitwettqu f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-atti applikabbli ta' istituzzjoni tal-Unjoni waħda jew aktar.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Montenegro għandhom jinformat lill-Kummissjoni Ewropea jew lill-OLAF fi żmien raġonevoli bi kwalunkwe fatt jew suspett li jkunu saru jafu bihom dwar irregolarità, frodi jew attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

3. Il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post jistgħu jitwettqu fil-bini ta' kwalunkwe persuna fiżika li tkun residenti fil-Montenegro jew fil-binjiet ta' entità ġuridika stabbilita fil-Montenegro u li tirċievi l-fondi tal-Unjoni, kif ukoll fil-binjiet ta' kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni li tkun residenti jew stabbilita fil-Montenegro.

4. Il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post għandhom jithejju u jitwettqu mill-Kummissjoni Ewropea jew mill-OLAF b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtorità kompetenti tal-Montenegro maħtura mill-gvern tal-Montenegro. L-awtorità maħtura għandha tiġi nnotifikata kmieni biżżejjed bil-għan, bl-iskop u bil-bażi ġuridika tal-kontrolli u tal-ispezzjonijiet, sabiex tkun tista' tipprowdi assistenza. Għal dan il-għan, l-uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti tal-Montenegro, jistgħu jipparteċipaw fil-kontrolli u fl-ispezzjonijiet fuq il-post.

5. Fuq talba tal-awtoritajiet tal-Montenegro, il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post jistgħu jitwettqu b'mod konġunt mal-Kummissjoni Ewropea jew mal-OLAF.

6. L-aġenti tal-Kummissjoni u l-persunal tal-OLAF għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha, inkluża d-data tal-kompjuter, dwar l-operazzjonijiet ikkonċernati, li huma meħtieġa għat-twettiq xieraq tal-kontrolli u tal-ispezzjonijiet fuq il-post. Huma jistgħu, b'mod partikolari, jaġmlu kopja tad-dokumenti rilevanti.

7. Meta il-persuna, l-entità jew parti terza oħra toponni kontroll jew spezzjoni fuq il-post, l-awtoritajiet tal-Montenegro, filwaqt li jaġixxu f'konformità mar-regoli u r-regolamenti nazzjonali, għandhom jassistu lill-Kummissjoni Ewropea jew lill-OLAF, sabiex dawn ikunu jistgħu jaqdu dmirijiethom biex iwettqu l-kontroll jew l-ispezzjoni fuq il-post. Din l-assistenza għandha tinkludi t-teħid ta' miżuri xierqa ta' prekawzjoni skont il-liġi nazzjonali, b'mod partikolari sabiex tiġi ssalvagwardjata l-evidenza.

8. Il-Kummissjoni Ewropea jew l-OLAF għandhom jinformat lill-awtoritajiet tal-Montenegro bir-riżultat ta' tali kontrolli u spezzjonijiet. B'mod partikolari, il-Kummissjoni Ewropea jew l-OLAF għandhom jirrapportaw mill-aktar fis possibbli lill-awtorità kompetenti tal-Montenegro b'kull fatt jew suspett relatat ma' irregolarità li jkunu ntebħu bih waqt il-kontroll jew waqt l-ispezzjoni fuq il-post.

9. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dritt kriminali tal-Montenegro, il-Kummissjoni Ewropea tista' timponi miżuri u penali amministrattivi fuq persuni ġuridiċi jew fiżiċi tal-Montenegro li jkunu qed jipparteċipaw fl-implimentazzjoni ta' programm jew attività f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

10. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni xierqa ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni Ewropea jew l-OLAF u l-awtoritajiet kompetenti tal-Montenegro għandhom jiskambjaw regolament informazzjoni u, fuq talba ta' waħda mill-partijiet għal dan il-Ftehim, jikkonsultaw lil xulxin.

11. Sabiex jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni effettiva u l-iskambju ta' informazzjoni mal-OLAF, il-Montenegro għandu jaħtar punt ta' kuntatt.

12. L-informazzjoni skambjata bejn il-Kummissjoni Ewropea jew l-OLAF u l-awtoritajiet kompetenti tal-Montenegro għandha ssir b'kunsiderazzjoni dovuta għar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità. Id-data personali inkluża fl-iskambju ta' informazzjoni għandha tiġi protetta f'konformità mar-regoli applikabbli.

13. L-awtoritajiet tal-Montenegro għandhom jikkooperaw mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew sabiex dan ikun jista' jwettaq id-dmir tiegħu li jinvestiga, jipproċedi u jressaq quddiem il-qorti l-awturi tar-reati kriminali u l-kompliċi ta' dawn ir-reati' li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli.

Artikolu 3

Irkupru u infurzar

1. Id-deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni Ewropea li jimponu obbligu pekunarju fuq persuni ġuridiċi jew fiżiċi għajr l-Istati fir-rigward ta' kwalunkwe pretensjoni li tirriżulta mill-Programm Orizzont Ewropa għandhom ikunu infurzabbli fil-Montenegro. L-ordni għall-infurzar għandha tiġi meħmuża mad-deċiżjoni, mingħajr ebda formalità oħra għajr verifika tal-awtentiċità tad-deċiżjoni mill-awtorità nazzjonali maħtura għal dan il-għan mill-gvern tal-Montenegro. Il-gvern tal-Montenegro għandu jgħarraf lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea bl-awtorità nazzjonali maħtura tiegħu. F'konformità mal-Artikolu 4, il-Kummissjoni Ewropea għandha tkun intitolata tinnotifika tali deċiżjonijiet infurzabbli direttament lil persuni residenti u entitajiet ġuridiċi stabbiliti fil-Montenegro. L-infurzar għandu jsir f'konformità mal-liġi u r-regoli ta' proċedura tal-Montenegro.

2. Is-sentenzi u d-digrieti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mogħtija b'applikazzjoni ta' klawżola ta' arbitraġġ li tinsab f'kuntratt jew fi ftehim fir-rigward ta' programmi, attivitajiet, azzjonijiet jew proġetti tal-Unjoni għandhom ikunu infurzabbli fil-Montenegro bl-istess mod bħad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea msemmija fil-paragrafu (1).

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġurisdizzjoni sabiex tirrieżamina l-legalità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1 u sabiex tissospendi l-infurzar tagħha. Madankollu, il-Qorti tal-Montenegro għandu jkollhom ġurisdizzjoni fuq ilmenti li l-infurzar tagħhom qiegħed jitwettaq b'mod irregolari.

*Artikolu 4***Komunikazzjoni u Skambju ta'informazzjoni**

L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea involuti fl-implimentazzjoni tal-Programm Orizzont Ewropa, jew fil-kontrolli fuq dak il-programm, għandhom ikunu intitolati li jikkomunikaw direttament, inkluż permezz ta' sistemi ta' skambju elettroniku, ma' kwalunkwe persuna fiżika residenti fil-Montenegro jew ma' entità ġuridika stabbilita fil-Montenegro u li tirċievi fondi tal-Unjoni, kif ukoll ma' kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni residenti jew stabbiliti fil-Montenegro. Tali persuni, entitajiet u partijiet jistgħu jissottomettu direttament lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni Ewropea l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni rilevanti kollha li huma meħtieġa jissottomettu abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea applikabbli għall-programm tal-Unjoni u tal-kuntratti jew tal-ftehimiet konklużi għall-implimentazzjoni ta' dak il-programm.
